



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2011/0177(APP)

11.7.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju
multiannwali għas-snin 2014-2020
(COM(2011)0398 – C7 – 2011/0177(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Cristian Silviu Buşoi

PA_NonLeg_Interim

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jilqa' l-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020 (MFF) propost u l-korrelazzjoni mal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; madankollu jenfasizza li għadu ma jissodisfax dak li l-Parlament talab fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011¹; jirrimarka li anke b'żieda ta' 5 % fil-livell tar-riżorsi għall-MFF li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, kontribuzzjoni limitata biss tista' ssir għall-ilħuq tal-objettivi u l-impenji miftiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni;
2. Jirrimarka li l-MFF għandu jipprovdi l-mezzi finanzjarji neċessarji għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Att dwar is-Suq Uniku sabiex isir użu aħjar tal-potenzjal tas-suq intern fl-iżgurar tal-kompetittività futura u t-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli tal-UE;
3. Jenfasizza li l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u li l-MFF għandu jipprovdi appoġġ qawwi għal politika tal-UE li għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi, issaħħaħ il-kompetittività tagħhom u thegġegħ l-intraprenditorija; jappoġġa bil-qawwa l-Programm propost għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs, iżda jqis li l-pakkett finanzjarju ddedikat għalih għandu jiżdied ulterjorment għal 0.5% tal-MFF;
4. Jenfasizza l-importanza tal-politika tal-konsumatur għall-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-UE u għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi b'mod ġenerali; iqis li l-allokazzjoni proposta għall-Programm tal-Konsumatur 2014-2020 mhijiex biżżejjed għall-ilħuq ta' dawn l-għanijiet u jitlob li jkun hemm żieda ta' 5 % fil-pakkett finanzjarju tiegħu;
5. Itenni l-ħtieġa li jkunu żgurati fondi adegwati għat-tkomplija tas-suq intern, li jservi madwar 500 miljun ċittadin, filwaqt li jirrappreżenta soluzzjoni kredibbli biex tingħeleb il-kriżi ekonomika u finanzjarja li għaddejja minnha l-UE;
6. Jilqa' bil-ferħ il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa proposta għall-finanzjament ta' proġetti maġġuri ta' infrastruttura sabiex tappoġġa l-ħolqien tas-suq uniku tal-enerġija u tas-suq uniku diġitali filwaqt li ssaħħaħ il-moviment ħieles tal-oġġetti, servizzi u persuni u tiżgura protezzjoni akbar għall-konsumaturi, li għalhekk ikunu jistgħu jaċċessaw suq li hu aktar trasparenti u aktar kompetittiv f'termini ta' provvista u prezzijiet; jenfasizza li l-ħtiġijiet finanzjarji f'dan il-qasam huma kbar ħafna u li se jkun impossibbli li jiġu koperti mill-allokazzjoni proposta; għalhekk jargumenta li għandha ssir enfasi akbar fuq mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi bħal pereżempju l-bonds għall-proġetti tal-UE.
7. Ifakkar li r-riċerka u l-innovazzjoni huma indispensabbli għal suq uniku b'saħħtu u kompetittiv; jistieden lill-Kunsill iqis dan il-qasam ta' politika bħala prijorità fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss u biex iżid l-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm Orizzont 2020 sa 100 biljun euro;

¹ P7_TA(2011)0266.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	10.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Cristian Silviu Buşoi, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Philippe Juvin, Sandra Kalniete, Edvard Kožušník, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Heide Rühle, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Catherine Stihler, Emilie Turunen, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Jürgen Creutzmann, María Irigoyen Pérez, Emma McClarkin, Sabine Verheyen, Anja Weisgerber